**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 307/2016 CFF**

**Muracel Limited**

**Vs**

**Forte Detergents Limited**

**Illum 10 ta' Marzu, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sitt elef, hamsa u sebghin Euro u wiehed u disghin centezmu (€6,075.91), rapprezentanti bilanc pendent u minnhom dovut ghal diversi prodotti akkwistati da parti taghhom minghand is-socjeta' mittenti u dan skond ma jirrizulta minn diversi fatturi hawn annessi u komplessivament immarkati bhala Dok A u dan stante li fuq medda ta' snin, precizament bejn is-snin 2012 u 2014, huma akkwistaw diversi prodotti minghand is-socjeta' mittenti fuq kreditu, skond l-istess fatturi hawn annessi, u ghalkemm saru xi pagamenti sporadic da parti taghhom, ghad jezisti kreditu sostanzjali da parti taghhom, kif infraskritt.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata t-8 t'April, 2016 (Ittra Nru 543/2016) kif ukoll bl-oghla rata permessibbli bil-ligi mid-data tal-imsemmija Ittra Ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-**Risposta ta' Forte Detergents Limited** fejn esponiet:

Illi fl-ewwel lok hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, ma xtrat xejn minn ghandha u tikkontesta bil-qawwa l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront taghha.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, f'kull kaz, f'kaz li l-pretenzjoni attrici hija bbazata fuq bejgh ta' oggetti mibjugha bl-imnut (retail), tali pretenzjoni hija preskritta bid-diskors ta' tmintax-il xahar ghab-bazi tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Joseph Agius**, huwa responsabbli ghal Management tal-kumpanija Muracel Limited liema kumpanija tbiegh prodotti relatati maz-zebgha. Il-persuna li kienet tiehu hsieb li tghamel l-ordnijiet kien Jeffrey Fenech. Il-bejgh kien isir *on credit* mhux *cash sale.* Kellu ftehim bil-miktub li kienu jsiru delivery notes u sabiex il-kont ma jibqax tiela', il-kumpanija Forte Detergents kienet tiehu ammont ta' prodotti u Joseph Agius kien jithallas ta' dawk il-prodotti. Jikkonferma li ordnijiet minghand certu Victor Fenech qatt ma rcieva.

**Victor Fenech**, fl-affidavit tieghu jghid, li huwa s-*sole director* u *shareholder* tal-kumpanija Forte Detergents Limited, liema kumpanija tghamel xoghol ta' manifattura ta' prodotti detersive kemm ghall-uzu domestiku kif ukoll industrijali. Kwalunkwe ordni ta' prodotti ssir bl-awtorizzazzjoni ta' Victor Fenech. Huwa jikkonferma li qatt ma ghamel jew approva l-ebda ordni minghand il-kumpanija Muracel Limited. Tant hu hekk, li lanqas biss kien jaf x'prodotti tbiegh din l-istess kumpanija. Inoltre, jikkonfema wkoll li huwa qatt ma accetta jew ircievba konsenji ta' prodotti minghand Muracel Limited u qatt ma hallas fatturi lill-istess kumpanija. Ic-cekkijiet li nhargu lil Muracel Limited ma kienux hargu mill-kumpanija Forte Detergents Limited. Jinnega li l-kumpanija Forte Detergents qatt kienet point of sale bhalma xehed Joseph Agius u peress li l-kumpanija Muracel Limited tbiegh prodotti ta' zebgha u materjal relatat ma kostruzzjoni, Forte Detergents Limited ma kellha ghalfejn qatt tixtri minghand din l-istess kumpanija stante li ma tahdimx fl-istess settur. Jinnega li qatt kien hemm ftehim

mal-kumpanija Muracel Limited stante li ghal kwalunkwe ftehim, huwa personalment ikun il-firmatarju. Jispjega li ghalhekk il-kumpanija Forte Detergents m'hijiex debitrici tal-kumpanija Muracel Limited fl-ammont ta' EUR6075.91.

**Victor Fenech**, jikkonferma li fit-tmexxija ta' kuljum tal-kumpanija Forte Detergents Limited jghinu t-tifel tieghu Jeffrey Fenech. Jispjega li t-tifel tieghu gieli zamm xi armar u affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma kostruzzjoni ta' kumpanija ohra li tinsab f'idejn it-tifel tieghu Jeffrey Fenech, fl-istores taghhom. Il-kumpanija Forte Detergents Limited ghandha bank account wiehed ta' overdraft u loan account.

**Joanna Bartolo**, rapprezentanta tal-Bank of Valletta plc tghid li ghamlet ir-ricerka taghha fuq il-kont numru 40023367939 li jghajjat lil Jeffrey Fenech, karta tal-identita' numru 385281M u Antoine Cassar. L-account jismu Forte Detergents.

**Jeffrey Fenech**, jikkonferma li huwa mpjegat ta' Forte Detergents Limited u ghandu kumpanija ohra ta' Turnkey Contractors. Jaf li l-kumpanija Muracel Limited tbiegh prodotti relatati ma kostruzzjoni u jispjega li huwa qatt ma xtara prodotti minn din il-kumpanija in rapprezentanza ta' Forte Detergents Limited, izda gieli xtara ghalih personalment. Jikkonferma li ghal dan ix-xoghol li gieli xtara kien ihallas mill-kont tieghu u tal-partner tieghu li ghandhom kumpanija ta' Turnkey Contractors flimkien. Wara li gie muri dokument JA37, Jeffrey Fenech ikkonferma li l-firma fuq id-dokument ma kienitx firma tieghu izda kienet iffalsifikata. Jikkonferma li meta kien jordna x-xoghol minghand Muracel Limited, bhala indirizz ghal skop ta' delivery, kien jaghti l-istess indirizz tal-fabbrika Forte Detergents Limited stante li hu kien ikun hemmhekk. Jispjega li kien ihallas lil Muracel Limited b'cekkijiet mill-kont personali tieghu. Jikkonferma wkoll li l-flus minghand Forte Detergents Limited qatt ma dahlu f'dan il-kont personali ta' Jeffrey Fenech.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwarda hlas ta' materjal li s-socjeta' attrici bieghet lis-socjeta konvenuta. Is-socjeta' attrici prezentat diversi dokumenti li jinsabu a fol 2 et seq

tal-process li juru dan il-materjal gie mibjugh lis-socjeta' konvenuta. Illi jidher ukoll li matul iz-zmien kien hemm problemi sabiex jithallas il-materjal li kien jigi ordnat. Illi ghalhekk bejn iz-zewg kumpaniji kien sar ftehim li gie iffirmat minn Geoffrey Fenech li ffirma ghan-nom tas-socjeta' konvenuta (ara dok ML 2 li jinsab a fol 209) rigward *credit account application form*. Illi minn naha tas-socjeta' konvenuta nnegat li hija xtrat xi affarijiet minghand is-socjeta' attrici u dan skont ma' qal l-istess Victor Fenech bhala s-sole director tal-istess kumpanija. Illi minn naha l-ohra kompla jghid li kien huwa biss li jiffirma kwalunkwe ftehim ma' xi kumpaniji ohrajn u mhux it-tifel tieghu u cioe' Geoffrey Fenech.

Illi meta xehed l-istess Geoffrey Fenech huwa ma nnegax li kien jixtri materjal ghax-xoghol li huwa jaghmel ghalih personali fejn kien ihallas mill-kont bankarju tieghu lis-socjeta' attrici. Illi pero' zied li huwa ma kienx jixtri materjal ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ghalkemm dan ix-xoghol kien jingieb fil-fabbrika taghha. Huwa nnega li qatt iffirma xi ftehim mal-istess socjeta' attrici dwar hlas skont kif hemm f'dok ML 2 a fol 209. Addirittura qal li l-firma giet iffalsifikata ghaliex skont hu ma taqbilx mal-firem li hemm fuq ic-cheque. Illi fl-istess waqt gew esebiti diversi dokumenti ta' kont bankarju li kien fuq isem ta' Geoffrey Fenech u persuna ohra. Illi dan l-isem li kien inghata fuq dan il-kont kien ta' Forte Detergents. Illi pero' minn naha tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta xehed li dan il-kont ma kienx ta' kumpanija izda kien fuq l-isem li hemm indikat fuq ir-rendikont u cioe' fuq Geoffrey Fenech u Antoine Cassar. Anki l-istess Geoffrey Fenech ikkonferma li huwa kien iddecieda li jsemmieh l-isem ta' Forte Detergents u mhux ghax kellu xi relazzjoni mas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-eccezzjonijiet mressqa mis-socjeta' konvenuta saret referenza ghal kwistjoni tal-preskrizzjoni taht dak li hemm fl-artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan l-artikolu jghid espressament hekk:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
>
> *(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut*

Illi qabel xejn il-Qorti trid tara dak li hemm fl-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi bl-emendi li gew introdotti bl-Att numru 1 tal-2017 li dahal fis-sehh fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) dan l-Artikolu 2148 jrid jigi allaccjat mal-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

> *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*
> *(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.*
> *(3) Fil-proceduri ghall-gbir ta' debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-artikolu 2156, meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.*

Illi minn dak li jghid l-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta is-sitwazzjoni inbidlet tali minn kif kien qabel ma dahlu fis-sehh dawn l-emendi. Illi f'dan il-kaz fejn qabel kellek l-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut, illum huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu jiehu l-gurament. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta' Frar, 2018 fl-ismijiet **P & S Limited (C-4860) et -vs- Noel Zammit et** fejn dwar il-kambjament fin-nozzjoni tal-gurament decizorju nghad is-segwenti:

> *'12. Din ix-xorta ta' duttrina illum ma jidhirx li ghadha applikabbli sa fejn jirrigwarda l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat. Dak li kien gurament decizorju, illum, mhux bil-fors baqa' decizorju. Jista' jkun li gie rez fi prova bhal kull prova ohra insostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawza.*
>
> *13. Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-gurament decizorju lid-debitur konvenut fil-kawza, is-sitwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk il-figura passiva tieghu fil-ligi kif kienet qabel, giet sa certu punt, trasformata f'wahda attiva bil-ligi kif inhi llum. L-unika differenza li tezisti llum fl-artikolu in kwisjtoni, hija dik bejn djun ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Fil-kaz ta' debiti imsemmija fil-proviso, id-debitur irid jaghti r-ragunijiet ghalfejn ma ghandux ihallas, mentri f'debiti ohrajn din il-kwalifika ma hiex mehtiega, anke, kif ser jinghad, il-kontro-ezami tad-debitur xorta jista' jsir.'*

Illi ghalhekk dak li hemm fl-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob ferm aktar milli dak li kien hemm qabel li sempliciment jinghad li ghaddew it-tmintax-il xahar. Illi f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta kull ma' ghamlet li semmiet li l-azzjoni hija

preskritta fir-risposta taghha. Illi madankollu sabiex jirrikjedi li l-intimat jipprevalixxi ruhu mill-preskrizzjonijiet brevi jew partikolari u dan skont ma hemm fl-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jrid jaghmel dawn iz-zewg affarijiet:

(i) jixhed minn jeddu u

(ii) jaghti l-gurament waqt il-kawza li ma hux debitur.

Inghad mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-26 ta' Jannar, 2018 fl-ismijiet **Bottega Del Marmista Ltd -vs- Paul Mifsud et** li

> *'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149,* ***2156*** *u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa'.*
>
> *Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament,i l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.'*
>
> *Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-pozizzjoni kienet differenti fejn '... Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuzjenza tad-debitur.'*

Illi ghalhekk mill-insenjament ta' dawn is-sentenzi hawn fuq kwotati u dak li hemm fl-istess artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti mix-xhieda mghotija minn Victor Fenech bhala *sole director* tal-istess socjeta konvenuta johrog bic-car li qal li is-socjeta' konvenuta ma kenitx debitrici tas-socjeta attrici u dan meta xehed minn jeddu li l-ammont ma kienx dovut. Illi ghandu jinghad li skont l-istess talba li ghamlet is-socjeta attrici hemm referenza ghall-ittra ufficjali li ghandha n-numru 543/2016 li kienet iggib id-data tat-8 t'April 2016. Illi pero jidher mill-atti processwali li din l-ittra

ufficjali ma gietx esebita u ghalhekk il-prova taghha kemm tal-fatt li giet notifikata lil parti l-ohra ma hemmx u ghalhekk ma tistax tigi meqjusa ghal finijiet tal-interuzzjoni tal-preskrizzjoni fin-nuqqas ta' tali ittra ufficjali. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni issa trid tigi meqjusa mill-provi prodotti.

F'dan l-istadju skont ma' hemm fl-artikolu 2148 (b) tal-Kap 16, il-Qorti trid tara jekk fil-fatt ix-xiri tal-materjal minghand is-socjeta' attrici kienx wiehed illi jaqa' fid-deskrizzjoni ta' bejgh bl-imnut. Illi talvolta jigi definit dan il-punt, allura il-Qorti tkun tista' tara jekk fil-fatt l-artikolu 2148 (b) japplikax ghal kawza in kwistjoni.

Kif inghad hawn fuq l-artikolu 2148 ma jaghti ebda definizzjoni ta' dak li huwa "*bejgh bl-imnut*". Illi ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghal dak li gie deciz mill-Qrati taghna dwar definizzjoni u interpretazzjoni ta' x'inhu *bejgh bl*-imnut. Fil-kawza **Grazio Debattista vs. Michele Galea** (Qorti tal-Kummerc, 23 ta' Mejju, 1961) li f'dan il-kaz kienet tqajmet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ai fini ta' dak li hemm fl-artikolu 2148 (b) tal-Kap 16. F'dan il-kaz il-Qorti rat jekk fil-fatt tali negozju kienx jinkwadra bhala bejgh bl-imnut jew le. Il-Qorti kienet ikkonkludiet li l-bejgħ ma kienx bl-imnut u li ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli kienet dik ta' hames snin mhux ta' tmintax-il xahar. Il-Qorti kienet spjegat li l-ligi taghna, li tirrigwarda l-preskrizzjoni fir-rigward ta bejgh bl-imnut tuza l-kliem "*ta' kredituri*" u mhux "*ta' kummercjanti*"; ma tuzax il-kliem "*merci*" (ossia, merkanzija) biss, imma zzid ukoll il-kliem "*oggetti jew ħwejjeġ ohra mobbli*"; u ma tuzax il-kliem "*mibjugha lil persuna li ma jeżercitawx il-kummerc*" imma tuza l-kelma "*bl-imnut*". Ziedet tghid li bl-uzu tal-kliem "*bl-imnut*" jidher car li tikkontempla lil dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum ta' kuljum li tapplika kemm min hu kummercjant u dak li mhux. Kompliet tispjega illi l-espressjoni "*bl-imnut*" talludi bilfors ghal hwejjeg zghar. Illi ghalhekk li l-legislatur jistabbilixxi preskrizzjoni qasira, billi mhix haga solita, u lanqas li wiehed ghandu jistenna, li min ibiegh jaghti kreditu ghal zmien twil f'bejgh ta' hwejjeg zghar. Qalet li l-bejgh ta' kumpressur ma jistax jigi kkunsidrat bhala haga zghira ta' konsum ta' kuljum u ghalhekk ma jistax jitqies bhala bejgh bl-imnut;

Waqt li fil-kawza **Michael Fenech noe v. Piju Camilleri** (Appell Superjuri, 18 ta' Jannar, 1993) il-Qorti kienet osservat,

*"dak li jiddetermina n-natura tal-konsenja, cjoè jekk hux bl-imnut jew bl-ingrossa, huwa n-negozju partikolari li jkun sar u partikolarment l-ammont involut. Infatti skont il-ligi taghna kif inhi, huwa possibbli li bejgh bl-imnut isir mill-grossista wkoll bhal ma hu possibbli li d-dettaljatur f'certi cirkostanzi jbiegh bl-ingrossa*."

F'dan il-kaz il-bejgh kien jirrigwarda hames mitt gallun *gas oil* ghall-*boiler* tal-*airconditioning unit* u l-*heater* fid-dar tar-residenza tal-konvenut. Il-Qorti tal-Appell kienet hadet linja totalment differenti fejn ikkonkludiet fejn bejgh ta' dan l-ammont ma jistax jitqies bhala kwantitajiet zghar skont il-bzonn tal-konsumatur. Illi l-fatt li kien hemm bejgh f'dan l-ammont ghandu jitqies bhala wahda bl-ingrossa.

Illi ta' min jaghmel referenza ghal kaz **Dr Peter Fenech noe v. Medina Food Manufacturing Co. Ltd** (Appell Inferjuri, 7 ta' Novembru, 1997) il-bejgh kien jirrigwarda mitt litru zebgha sabiex tigi rinovata fabbrika. Irrizulta li s-socjetà attrici kienet grossista li tbiegh lill-hwienet taz-zebgha u mhux lill-konsumaturi. Wara li l-Qorti kkunsidrat il-gurisprudenza fuq il-kwistjoni tal-kriterji li jiddistingwu l-bejgh bl-imnut minn dak bl-ingrossa, irrilevat illi ma setghetx ma tinnotax illi l-element tal-kwantità – li jiddistingwi bejgh *wholesale* (ingrossa) minn dak *retail* (bl-imnut) – gie sodisfatt. Hija kkonkludiet li l-bejgh ma kienx wiehed bl-imnut izda kien wiehed bl-ingrossa. Spjegat illi n-negozju bejn il-partijiet ma kienx limitat ghall-operazzjoni semplici ta' komprovendita kif ikun il-kaz fil-bejgh bl-imnut, imma kien jinvolvi element ta' negozju dwar il-kwalità taz-zebgha, il-konsistenza tieghu, il-kapacità tieghu ghal certu tip ta' xoghol, u pariri da parti tal-venditur dwar kemm kien jinhtieg zebgha biex ix-xoghol isir kollu. Osservat li l-ftehim kien jinkludi li l-kwantità kbira ta' zebgha tinxtara f'salt wiehed u li l-kumpratur kien qed jifhem li l-venditur kien qed jidhol responsabbli versu lejh li l-kwantità ta' zebgha mixtrija fuq il-parir tieghu kienet ser tkun adegwata, tant li s-socjetà konvenuta kienet qeghda tirrifjuta li thallas il-bilanc rapprezentanti l-ammont li kellha tixtri in eccess ta' dak indikat mis-socjetà venditrici.

Illi minn dan kollu, dwar dak in-negozju hux qieghed isir bl-imnut jew inkella bl-ingrossa hija kwistjoni tal-fatti tal-kaz. Illi anki minn dawn is-sentenzi kwotati jidher b'mod car li l-Qrati taghna ma mxewx b'regoli precizi ta' kemm wiehed jinnegozja jew le. Illi ghalhekk mid-dokumenti li gew esebiti mill-istess socjeta' attrici jidher b'mod car li saru diversi bejgh ta' zebghat (ara dokument a fol 10 et seq) f'perijodi differenti li

sehh matul iz-zmien meta l-partijiet kienu jinnegozjaw. Illi jidher li kien hemm perijodu li l-ammont dovut minn dak li jidher fid-dokument li jinstab a fol 4 tal-process johrog bic-car li kien hemm dovuta somma konsiderevoli lis-socjeta' attrici. Kien biss wara li bdew jithallsu xi invoices li l-ammont nizel ghal dak li qieghed jigi mitlub. Illi dan in-negozju ma kienx ta' darba u f'ammont zghir izda kien f'medda ta' zmien fi kwantitajiet kbar ta' zebghat u materjal iehor uzat ghal xoghol li kien mitlub jaghmel. Illi f'dan il-kaz, il-Qorti m'ghandha ebda diffikolta' li tara li fil-fatt dan il-bejgh kien wiehed bl-ingrossa u mhux wiehed bl-imnut ghal kwantita kbira ta' ordnijiet li kienu qieghdin isiru lis-socjeta' attrici. Illi ghalhekk fuq l-insenjament tad-diversi sentenzi fuq dan il-kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni ghal bejgh bl-ingrossa huwa applikabbli l-perijodu ta' hames snin.

**Ikkunsidrat:**

Waqt dak li gie deciz fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2003 fis-sentenza **Ronald Naudi v. Unispeed Shipping and Forwarding Ltd**, il-Qorti qalet:

> "*Minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva*"

Illi ghandu jinghad ukoll li ghalkemm is-socjeta' konvenuta resqet din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma indikat ebda data jew fatti ohrajn sabiex jigi stabbilit minn meta ghandu jigi meqjus il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Illi ghandu jinghad li mhux il-kompitu tal-Qorti li taghmel x-xoghol tas-socjeta' konvenuta u tara jekk mid-dokumenti li gew imressqa mis-socjeta' konvenuta kienx hemm il-preskrizzjoni taht l-artikolu 2148 (b) jew le.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Xuereb v. Av. Anton Micallef deciza fit-12 ta' Dicembru 2013** fejn qalet li:

> "*M'huwiex il-kompitu tal-Qorti illi sabiex issib iz-zmien meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni toqghod tfittex hi l-prova jew f'dak li jkun inghad bil-gurament jew f'dak li jirrizulta minn dokumenti. Dak huwa kompitu tal-partijiet. Ix-xoghol tal-Qorti huwa li tqis u taghrbel il-provi li jitressqu dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet. Fil-kaz tal-lum, almenu fejn jirrigwarda l-preskrizzjoni, dan baqa' ma sarx. Li jfisser li fil-kaz tal-lum ma tirrizultax,*

*b'mod sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi, id-data meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni."*

Illi ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mis-socjeta' konvenuta ghandha tigi michuda u dan ghal fatt li tali bejgh huwa meqjus bhala wiehed bl-ingrossa u mhux bl-imnut u ma jinkwadrax f'dak li hemm fl-artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewg partijiet;

Qeghda **tichad** l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Forte Detergents Ltd ghal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni kif sollevata minnha ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tghaddi sabiex tkompli tisma' l-kawza fuq il-mertu taghha.

L-ispejjez jigu decizi mas-sentenza finali.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**